# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-4 ta´ Diċembru 2023**

**Talba nru. 267/2021**

**GASAN MAMO INSURANCE LIMITED (C 3143) U DINA KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURAT TAGĦHA PROF. VICTOR AXIAK SIJA BIL-POLZA U SIJA BIL-LIĠI U KIF UKOLL L-ISTESS PROF. VICTOR AXIAK (K.I. 978750 M)**

***VERSUS***

1. **IS-SINDKU U S-SEGRETARJU EŻEKUTTIV GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAL-KUNSILL LOKALI BIRZEBBUGIA**

2. **WATER SERVICES CORPORATION**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-16 ta´ Settembru 2021 (a fol 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi flimkien mal-attur Prof. Victor Axiak talbu l-ammont ta´ erbat elef u tliet mija u sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4357.57) rappreżentanti danni sofferti mill-attur Prof. Victor Axiak u li bħala riżultat ta´ dan l-inċident għamel tajjeb għalihom is-soċjeta´ attriċi abbażi tal-polza ta´ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u illi jinkludu wkoll il-ħamsin Ewro (Eur 50) illi l-istess Prof. Victor Axiak ħallas bħala *excess payment*.

Ra illi fit-2 ta´ Novembru 2021, il-konvenut Kunsill Lokali Birzebbugia ġie debitament notifikat (a fol. 6).

Ra illi l-konvenut Kunsill Lokali Birzebbugia ippreżenta r-risposta tiegħu fis-17 ta´ Novembru 2021 (a fol. 11).

Ra illi s-soċjeta´ konvenuta Water Services Corporation ġiet debitament notifikat (a fol. 6).

Ra illi s-soċjeta´ konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fl-10 ta´ Novembru 2021 (a fol. 8).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-23 ta´ Ġunju 2022, is-soċjeta´ attriċi u l-attur għalqu l-provi tagħhhom (a fol. 134).

Ra illi fil-5 ta´ Diċembru 2022, il-konvenuti kollha u ċioe´ s-soċjeta´ konvenuta Water Services Corporation għalqu l-provi tagħhom (a fol. 146).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Ma hux kontestat bejn il-partijiet illi fid-data tal-inċident u ċioe´ fid-9 t´Ottubru 2019, għamlet ħafna xita. Fil-fatt, mal-affidavit tiegħu, Prof. Victor Axiak ukoll ippreżenta a fol. 29 u 30 it-temp ta´ dakinhar u liema dokument ħadd mill-konvenuti ma qajjem dubju dwar il-veraċita´ tiegħu b´dan illi t-Tribunal hu konvint li fid-data hanwhekk imsemmija u fil-ħin tal-inċident għamlet ħafna xita. Għaldaqstant, dan it-Tribunal huwa konvint illi fl-istat li kienet il-ġurnata ma kien hemm ebda negliġenza fis-sewqan min-naħa ta´ Prof. Victor Axiaq.

Ukoll, ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet kollha illi Prof. Victor Axiak kellu l-inċident fit-Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia bil-vettura tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni GCA 638. U liema vettura soffriet danni, fosthom dannu fil-*gearbox*.

Min hu responsabbli għall-inċident illi Prof. Victor Axiak kellu fit-Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia bil-vettura tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni GCA 638

Il-punt ta´ kontestazzjoni bejn il-partijiet hu jekk tali inċident li ġarrbet minnu l-vettura misjuqa u propjeta´ ta´ Prof. Victor Axiak kienx minħabba t-tappiera li tinsab fi Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia, jew minħabba t-tarmac tal-istess triq.

Jibda´ biex jingħad illi David Mifsud, li jaħdem bħala *surveyor* ma´ GazanMamo Insurance Limited, u ċioe´ mas-soċjeta´ attriċi illi pprovdit il-polza tal-assigurazzjoni fuq il-vettura GCA 638, xehed fid-9 ta´ Mejju 2022 a fol. 119 illi "*il-gearbox kien fiha daqqa zghira*" pero´ fl-istess xhieda xehed illi ma setax jeskludi jekk kinitx it-tappiera li għoliet jew minħabba l-ħofor li hemm madwar it-tappiera nizlet il-karozza.

Biss pero´, Prof. Victor Axiaq, fl-affidavit tiegħu li jinsab a fol. 26, qal illi "*Jien u nsuq, il-*

*vettura tieghi baqghet niezla f´tappiera u hadt skoss kbir, liema tappiera.*"

Ukoll, Joseph Abela, rappreżentant tal-Water Services Corporation xehed fid-dettal a fol. 124 sa 128 fejn qal is-segwenti:

"*Dr. Victor Bugeja: Hu pacenzja; issa qed naghmel in kontro ezami. Ghdilina min jiehu hsiebhom it-tappieri?*
*Xhud: Bhala manutenzjoni tat-tappieri tal-hadid dik tiehu hseibha Water Services Corporation.*
*Dr. Victor Bugeja: U jekk tigi dislodged it-tappiera intom tiehdu hsiebha, mhux hekk?*
*Xhud: Ezatt. Jekk it-tappiera tal-hadid tinqala´, u f´kaz ta´ xita tinqala´, ahna bhala Water Services Corporation nergghu impogguha f´postha.*
*Dr. Victor Bugeja: U jekk tigi dislodged minn postha?*
*Xhud: Again, ser nerga´ nirrepeti. Jekk ikun sar tarmac ricentament gdid fuq dik l-area jiehu hsieb it-tarmac l-entita´ li jkun ghamel il x´jismu...*
*It-Tribunal: Jekk ma jkunx hemm tarmac frisk?*
*Xhud: Naghmluha ahna bhala Water Services Corporation.*
*Dr. Victor Bugeja: Mela ghandek dik it-tappiera hemmhekk u ghandek dik il-hsara; min jiehu hsiebha dik il-hsara?*
*Xhud: Ahna b´mod immedjatament bhala temporary repair b´mod repair temporanju dik niehdu hsiebha ahna. Naghmlu coat asphalt; izda jidher li hemmhekk it-tarmac tal-madwar ma jidhirx bhala tarmac hazin allura jista´ jkun li ssir min-naha ta´ l-entita´ li jkun trangat...*
*It-Tribunal: U f´dan il-kaz taf jekk kienx hemm rapport?*
*Xhud: Ahna fit-8 ta´ Ottubru...fit-8 ta´ Ottubru rcivejna rapport..*
*It-Tribunal: 8 ta´ Ottubru ta´ liema sena?*
*Xhud: 2019 – elfejn u dsatax, fuq dik it-tappiera. U ahna filghaxija morna u irrangajniha.*
*It-Tribunal: Le le sekonda. Fit-8 ta´ Ottubru 2019 qed tghid li rcivejtu rapport.*
*Xhud: Iva. Lie meta kien hemm ... meta ghamlet dik ix-xita, dak il-lejl iva.*"

B´dan illi dan it-Tribunal hu konvint illi għalkemm it-tarmac ta´ madwar it-tappiera jidher maqlugħ skond ir-ritratti prodotti a fol. 27 u 39 sa 44, il-vettura ġarrbet danni minħabba l-qlugħ tat-tappiera. Fil-fatt, Joseph Abela kien ċar fix-xhieda tiegħu illi f´każ ta´ xita, tali tappiera tinqala´ u ukoll illi t-tarmac ma jidhirx ħażin. Inoltre, *stante* illi Joseph Abela, rappreżentant tal-Water Services Corporation, tali xhieda trid tingħata piż kbir.

<u>L-ammont ta´ danni</u>

Ġjaldarba, dan it-Tribunal isib illi tali ħsara illi ġarrbet il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GCA 638 hu minħabba t-tappiera u allura l-Water Services Corporation huma ħatja tad-danni sofferti, issa jrid ikun determinat l-ammont ta´ tali danni.

Is-soċjeta´ attriċi flimkien mal-attur Prof. Victor Axiak talbu l-ammont ta´ erbat elef u tliet mija u sebgħa u ħamsin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4357.57)

rappreżentanti danni sofferti mill-attur Prof. Victor Axiak u li bħala riżultat ta´ dan l-inċident għamel tajjeb għalihom is-soċjeta´ attriċi abbażi tal-polza ta´ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u illi jinkludu wkoll il-ħamsin Ewro (Eur 50) illi l-istess Prof. Victor Axiak ħallas bħala *excess payment*.

Is-soċjeta´ attriċi ppreżentat il-polza tal-assigurazzjoni a fol. 31 u 32, kif ukoll il-*motor accident report* a fol. 33 u 34 illi juru b´mod ċar l-ammont ta´ ħamsin Ewro (Eur 50) illi l-istess Prof. Victor Axiak ħallas bħala *excess payment* u tali receipt illi tinsab a fol. 45. Tali dokumenti ma kinux ikkontestati mill-konvenuti u għaldaqstant, tali Tribunal iqis tali dokumenti bħala validi fl-awtentiċita´ tagħhom.

Fir-rigward tal-ammont erbat elef u tliet mija u sebgħa Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4307.57), is-soċjeta´ attriċi ppreżentat *Summary Report* dettaljat flimkien ma´ invoices a fol. 47 sa 61, dan illi pero´ l-ammont indikat a fol. 48 hu ta´ erbat elef u tliet mija u żewġ Ewro u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4302.20). Fit-trattazzjoni finali, Dr. Ivan Gatt li kien qed jirrappreżenta lill-Water Services Corporation ipprova jittenta jgħid illi s-soċjeta´ attriċi ppreżentat biss *invoices* biss pero´ hu stess qal illi tali punt ma hux ta´ natura gravi u dan hekk kif qal a fol. 148 illi "*Naghlaq b´haga wahda biss, li hija sussidjarja, pero´ jekk minhiex sejjer zbaljat tghid...rajt daqsxejn il-process ftit minuti ilu, u inkwantu ghad-danni jiena rajt biss invoices*." Biss pero´, dan it-Tribunal jinnota illi s-soċjeta´ attriċi għamlet kuntatt mal-Water Services Corporation permezz ta´ *email* u tali soċjeta´ konvenuta sempliċiment qalet illi ma kinitx responsabbli u jidher illi tali *receipts* kienu pprovduti, hekk kif jidher a fol. 68 sa 71.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal hu konvint illi l-Water Services Corporation waħedha hi responsabbli għall-ammont globali versu s-soċjeta´ attriċi ta´ erbat elef u tliet mija u tnejn u ħamsin Ewro u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4352.20) illi jkopru l-ammont ta´ erbat elef u tliet mija u żewġ Ewro u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4302.20) illi tali soċjeta´ attriċi ħallset għad-danni kkaġunati fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GCA 638 u l-ħamsin Ewro (Eur 50) illi l-istess Prof. Victor Axiak ħallas bħala *excess payment.*

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-soċjeta´ attriċi għall-ammont ta´ erbat elef u tliet mija u tnejn u ħamsin Ewro u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4352.20) bl-imgħax li jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku soċjeta´ konvenuta Water Services Corporation.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur